MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 705/2008

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Angela Borg (Id. 11580M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija, u seba u disghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€397.32) minghand il-konvenuta, in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21574363. Minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Jannar 2009, fejn deheret l-attrici u ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti kontra taghha.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenuta stess, t-Tribunal jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta’ tlett mija, u seba u disghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€397.32), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------